

- (2) Fkaż bħal dan li jinvolvi prodott mediċinali li jinkludi iktar minn ingredjent attiv wieħed, hemm kriterji ulterjuri jew differenti sabiex jiġi ddeterminat jekk “il-prodott ikun protett minn privattiva bażika fis-seħħ” jew le skont l-Artikolu 3(a) tar-Regolament u, jekk ikun il-każ, liema huma dawn il-kriterji ulterjuri jew differenti?
- (3) Sabiex kombinazzjoni ta’ ingredjenti attivi ċċitat fawtorizzazzjoni sabiex prodott mediċinali jitqiegħed fis-suq ikun is-suġġett ta’ ĊPS, u fid-dawl tal-kliem tal-Artikolu 4 tar-Regolament, il-kundizzjoni li “l-prodott ikun protett minn privattiva bażika” skont l-Artikoli 1 u 3 tar-Regolament huwa sodisfatt jekk il-prodott jikser il-privattiva bażika taħt il-ligħi nazzjonali?
- (4) Sabiex kombinazzjoni ta’ ingredjenti attivi ċċitat fawtorizzazzjoni għal tqegħid fil-kummerċ ta’ prodott mediċinali ikun is-suġġett ta’ ĊPS, u fid-dawl tal-kliem tal-Artikolu 4 tar-Regolament, l-issodisfar tal-kundizzjoni li “l-prodott ikun protett minn privattiva bażika” skont l-Artikoli 1 u 3 tar-Regolament jiddependi fuq jekk il-privattiva bażika tinkludix pretensjoni waħda (jew iktar) li jsemmu b'mod spċifiku kombinazzjoni ta’ (1) klassi ta’ kompożiti li tinkludi waħda mill-ingredjenti attivi li jinsabu fil-prodott imsemmi u (2) klassi ta’ ingredjenti attivi ulterjuri li tista’ ma tkunx spċifikata iż-żda li tinkludi l-ingredjent attiv l-ieħor għall-prodott imsemmi; jew huwa biżżejjed li l-privattiva bażika tinkludi pretensjoni waħda (jew iktar) li (1) għandha pretensjoni għal klassi ta’ kompożiti li tinkludi waħda mill-ingredjenti attivi tal-prodott imsemmi u (2) tuża lingwagħġ spċifiku li bħala kwistjoni ta’ ligħi nazzjonali testendi l-portata tal-protectzjoni sabiex tinkludi l-preżenza ta’ ingredjenti attivi oħra li ma humiex spċifikati inkluż l-ingredjent attiv l-ieħor li jinsab fil-prodott imsemmi?

(¹) ĠU L 152, p. 1

Rikors ippreżzentat fil-11 ta’ Jannar 2011 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tal-Estonia

(Kawża C-16/11)

(2011/C 63/43)

Lingwa tal-kawża: l-Estonjan

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Alcover San Pedro u E. Randvere)

Konvenuta: Ir-Repubblika tal-Estonia

Talbiet

- tikkonstata li r-Repubblika tal-Estonja naqset mill-obbligi tagħha skont id-Direttiva 2007/2/KE (¹) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-14 ta’ Marzu 2007 (li tistabbilixxi infrastruttura għall-informazzjoni ġeografika fil-Komunità Ewropea), billi naqset milli tadotta l-ligħiġiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi kollha neċċesarji sabiex tittrasponi d-direttiva jew sabiex tikkomunika l-imsemmija dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni;

— tikkundanna lir-Repubblika tal-Estonja għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

It-terminu għat-traspożizzjoni tad-direttiva fis-sistema legali interna skada fil-15 ta’ Mejju 2009.

(¹) ĠU L 108, p. 1.

Digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-1 ta’ Diċembru 2010 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunale Amministrativo Regionale della Campania — l-Italja) — Lucio Rubano vs Regione Campania, Comune di Cusano Mutri

(Kawża C-60/09) (¹)

(2011/C 63/44)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ordna t-tħassir tal-kawża.

(¹) ĠU C 90, 18.04.2009.

Digriet tal-President tat-Tmien Awla tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta’ Diċembru 2010 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Bezirksgericht Ried i.I. — l-Awstrija) — Proċeduri kriminali kontra Antonio Formato, Lenka Rohackova, Torsten Kuntz, Gardel Jong Aten, Hubert Kanatschnig, Jarmila Szabova, Zdenka Powerova, Nousia Nettuno

(Kawża C-116/09) (¹)

(2011/C 63/45)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Il-President tat-Tmien Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

(¹) ĠU C 129, 06.06.2009

Digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-30 ta’ Novembru 2010 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Juzgado Mercantil nº 1 de Santa Cruz de Tenerife — Spanja) — Entidad de Gestión de Derechos de los Productores Audiovisuales (EGEDA)vs Magnatrading SL

(Kawża C-387/09) (¹)

(2011/C 63/46)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ordna t-tħassir tal-kawża.

(¹) ĠU C 312, 19.12.2009